PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

16.1.2008 PE400.400v01-00

EMENDI 11-24

Abbozz ta' opinjoni **(PE398.484v01-00)**
Luis Herrero-Tejedor
Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali

Proposta għal Direttiva (COM(2007)0051 – C6-0063/2007 – 2007/0022(COD))

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Roselyne Lefrançois

Emenda 11
Premessa 11

(11) Barra minn hekk, id-differenzi sinifikanti bejn is-sanzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri jeħtieġu li jkun previst, taħt ċerti ċirkustanzi, taqrib ta' dawk il-livelli li jikkorrispondi mas-serjetà tar-reat.	***imħassra***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Tenut kont tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tas-27 ta' Ottubru 2007, jaqbel li titħassar din il-premessa li ssemmi armonizzazzjoni tal-livelli ta' sanzjonijiet.

Emenda mressqa minn Roselyne Lefrançois

Emenda 12
Premessa 12

(12) ***Dan it-taqrib hu partikularment importanti f'każi meta*** r-reati ***jkollhom riżultati serji jew meta r-reati jitwettqu*** fi ħdan is-sistema ta' organizzazzjoni kriminali ***li għandhom rwol sinifikanti fir-reati kontra l-ambjent.***	(12) ***Il-fatt li jitwettaq dan ilksur*** fi ħdan is-sistema ta' organizzazzjoni kriminali ***għandu jitqies bħala ċirkostanza aggravanti.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija koerenti ma' l-emenda li titlob it-tħassir tal-Premessa 11. Huwa, madankollu, mixtieq li jintalab li l-fatt li jitwettqu reati li jipperikolaw l-ambjent fi ħdan is-sistema ta' organizzazzjoni kriminali jitqies bħala ċirkostanza aggravanti. Dan bl-ebda mod ma jipperikola l-poter ta' l-Istati Membri li jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet.

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 13
Artikolu 2, punt (b)

(b) "persuna ġuridika": kwalunkwe entità ġuridika li jkollha dan l-istatus taħt il-liġijiet nazzjonali applikabbli, ***għajr għall-***Istati jew ***il-***korpi l-oħra pubbliċi huma u jaġixxu fl-*eżerċitar* tal-poteri sovrani tagħhom u għal organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali.	(b) "persuna ġuridika": kwalunkwe entità ġuridika li jkollha dan l-istatus taħt il-liġijiet nazzjonali applikabbli, ***inkluži l-***Istati jew il-korpi l-oħra pubbliċi huma u jaġixxu fl-*eżerċitar* tal-poteri sovrani tagħhom u għal organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'għandha ssir l-ebda eċċezzjoni għall-organizzazzjonijiet governattivi. L-organiżmi pubbliċi bħall-Euratom għandhom jirrispettaw il-leġiżlazzjoni ambjentali. Dan huwa neċessarju sabiex jitħarsu s-saħħa pubblika u l-ambjent.

Emenda mressqa minn Panayiotis Demetriou

Emenda 14
Artikolu 2, (b a) (ġdid)

(ba) "speċi veġetali u ta' annimali protetti":tfisser:
(i)għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3, (f), dawk imsemmija:

-fl-Anness IV tad-Direttiva tal- 92/43/KEE Kunsill tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa[1];

-fl-Anness I li ssir referenza għalih fl-Artikolu 4 (2) tad-Direttiva tal-79/409/KEE Kunsill tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi[2]; u

(ii) għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3,(g) dawk imsemmija:

-fl-Annessi A jew B tar-Regolament KE Nru 338/97 tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom[3].

---

[1] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).

[2] ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE.

[3] ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1332/2005 (ĠU L 215, 19.8.2005, p.1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jaqbel li tingħata definizzjoni ta' l-ispeċi ta' fawna u ta' flora selvaġġi b'mod li ssir deskrizzjoni preċiża ta' dak li huwa protett.

Emenda mressqa minn Panayiotis Demetriou

Emenda 15
Artikolu 2, punt (b b) (ġdid)

(bb) "habitat protett": tfisser kwalunkwe habitat jew speċi li għalihom zona hija klassifikata bħala zona ta' protezzjoni speċjali skond l-Artikolu 4(1) jew (2) tad-Direttiva 79/409/KEE u kwalunkwe habitat naturali ta' speċi li għalihom sit ġie maħtur bħala zona speċjali ta' konservazzjoni skond l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 92/43/KEE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir definizzjoni ta' habitat protett sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni ta' reat kriminali. F'dan ir-rigward, dan jevita li jsiru interpretazzjonijiet differenti ta' l-habitat protett mill-Istati Membri.

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 16
Artikolu 3, punt (g a) (ġdid)

(ga) il-kaċċa għall-gost u l-kaċċa illegali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-annimali għandhom valur inerenti. L-annimali li jgħixu fil-kampanja għalhekk m'għandhomx jinqatlu biss għall-gost. U lanqas m'għandhom jinqatlu b'mod illegali. Il-kaċċa għall-gost u l-kaċċa illegali għandhom jitqiesu bħala reati kriminali minħabba d-dannu li dawn l-attivitajiet jikkawżaw lin-natura.

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 17
Artikolu 3, (h a) (ġdid)

(ha) l-introduzzjoni intenzjonata fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetifikament (GMOs) li mhumiex awtorizzati mill-Unjoni Ewropea;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riskji li l-GMOs joħolqu għall-bniedem u għall-ambjent għadhom mhumiex magħrufa ħafna. Għalhekk, l-ebda GMO m'għandu jiġi introdott fl-ambjent. Iżda jekk dan isir xorta waħda, għandu biss isir wara li dawn ikunu ġew awtorizzati mill-Unjoni Ewropea. L-introduzzjoni intenzjonali tal-GMOs mhux awtorizzati għandha titqies bħala reat.

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 18
Artikolu 3, punt (i a) (ġdid)

(ia) l-użu u l-kummerċ ta' pestiċidi li jkun fihom sustanzi kanċeroġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni, u sustanzi li l-effetti newrotossiċi jew immunotossiċi tagħhom ġew ippruvati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sena l-oħra, il-Parlament adotta proposta bil-għan li jitwaqqfu dawn il-pestiċidi. Għall-ħarsien ta' l-ambjent u tas-saħħa pubblika, huwa neċessarju li l-użu u l-kummerċ ta' dawn il-pestiċidi jitqies bħala reat.

Emenda mressqa minn Roselyne Lefrançois

Emenda 19
Artikolu 4

Il-parteċipazzjoni u l-istigazzjoni	***Il-kompliċità*** u l-istigazzjoni
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-***parteċipazzjoni fl-***imġiba referita fl-Artikolu 3 jew l-istigazzjoni tagħha jikkostitwixxu reat kriminali.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-***kompliċità fl-***imġiba referita fl-Artikolu 3 jew l-istigazzjoni tagħha jikkostitwixxu reat

kriminali.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

It-terminu "kompliċità", mill-aspett ġuridiku, huwa ħafna iktar ċar mit-terminu "parteċipazzjoni".

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 20
Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parteċipazzjoni fl-imġiba referita fl-Artikolu 3 jew l-istigazzjoni tagħha jikkostitwixxu reat kriminali.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parteċipazzjoni fl-imġiba referita fl-Artikolu 3 jew l-istigazzjoni tagħha b'mod illegali u intenzjonat jikkostitwixxu reat kriminali.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-intenzjonalità ma tagħmilhiex ovvja li l-persuna li għandha mġiba negliġenti hija konxja li l-atti tagħha jistgħu jkunu suġġetti għal taħrik kriminali.

Emenda mressqa minn Roselyne Lefrançois

Emenda 21
Artikolu 5, paragrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-twettiq tar-reati referiti fl-Artikoli 3 u 4 jkun ikkastigat b'sanzjonijiet ***kriminali*** effettivi, proporzjonati u dissważivi.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-twettiq tar-reati referiti fl-Artikoli 3 u 4 jkun ikkastigat ***sistematikament*** b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi ***ta' natura kriminali***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni tippermetti li jiġi espress b'mod iktar ċar il-fatt li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għandhom f'kull każ ikunu kkastigati b'sanzjonijiet kriminali, mingħajr madankollu ma tiġi eskluża l-possibilità għall-Istati Membri li jżidu sanzjonijiet supplimentari ta' natura oħra (ara emenda dwar l-Artikolu 5 (paragrafu 5)).

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 22
Artikolu 5, paragrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-twettiq tar-reati referiti fl-Artikoli 3 u 4 jkun ikkastigat b'sanzjonijiet ***kriminali*** effettivi, proporzjonati u dissważivi.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-twettiq tar-reati referiti fl-Artikoli 3 u 4 jkun ikkastigat b'sanzjonijiet ***ta' natura kriminali*** effettivi, **anki ta' natura kriminali** proporzjonati u dissważivi.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-użu tat-terminu uniku "kriminali", preċiżament għaliex ir-rapporteur iqis li t-test oriġinali huwa iktar ċar, jimpedixxi li jkun hemm sanzjonijiet amministrattivi tar-reati li ma jaqgħux fil-qasam kriminali. Jekk wieħed jikteb ukoll "ta' natura kriminali", mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi, huwa possibbli li wieħed jaġixxi fil-livell kriminali u għalhekk li tissaħħaħ l-effikaċja tad-Direttiva.

Emenda mressqa minn Roselyne Lefrançois

Emenda 23
Artikolu 5, paragrafu 5

5. ***Mas-***sanzjonijiet kriminali ***previsti f'dan l-Artikolu*** jistgħu jiżdiedu sanzjonijiet jew miżuri ***oħra, b'mod partikulari***:	5. ***Mas-***sanzjonijiet kriminali jistgħu jiżdiedu sanzjonijiet jew miżuri ***supplimentari ta' natura amministrattiva jew ċivili.***
(a) l-iskwalifika ta' persuna naturali milli jingaġġa f'attività li teħtieġ awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni uffiċjali, jew it-twaqqif, il-ġestjoni jew id-direzzjoni ta' kumpanija jew fondazzjoni, meta l-fatti li jkunu wasslu għall-kundanna tiegħu juru riskju ovvju illi tista' terga' tiġi segwita l-istess tip ta'	

attività kriminali;

(b) il-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjali fir-rigward ta' kundanna jew ta' xi sanzjonijiet jew ta' miżuri applikati;

(c) l-obbligu li l-ambjent jiġi restitwit.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Jaqbel li lill-Istati Membri titħallielhom il-possibilità li jimponu sanzjonijiet supplimentari ta' natura amministrattiva jew ċivili.

Emenda mressqa minn Roselyne Lefrançois

Emenda 24
Artikolu 5, paragrafu 5a (ġdid)

5a. L-Istati Membri jagħmlu mod li l-fatt li jitwettqu reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 fi ħdan organizzazzjoni kriminali jitqies bħala ċirkostanza aggravanti skond id-deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill [...dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (COM(2005)6)].

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa mixtieq li jintalab li l-fatt li jitwettqu reati li jipperikolaw l-ambjent fi ħdan is-sistema ta' organizzazzjoni kriminali jitqies bħala ċirkostanza aggravanti. Dan bl-ebda mod ma jipperikola l-poter ta' l-Istati Membri li jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet.